


Libertà tal-media: Il-PE jwissi dwar tentattivi biex jiissikktu kritiċi u jiġi mminat il-pluraliżmu



Il-PE huwa kkonċernat dwar il-vjolenza, il-fastidju u l-pressjoni li jsorfu l-ġurnalisti ©AdobeStock/Adzicnatasta

- Il-libertà tal-media fl-Ewropa marret lura
- Il-MPE jiddeploraw il-fastidju u l-attakki fuq il-ġurnalisti, b'mod partikolari mill-politiċi
- Il-Kummissjoni tal-UE trid regolarmar tivvaluta l-interferenza mill-gvernijiet u t-trasparenza tal-istrutturi ta' sjeda
- Ma jingħatawx fondi għal media kontrollata mill-gvern jew propaganda politika

II-Parlament huwa mħasseb ħafna dwar I-istat tal-libertà tal-media fl-UE u kkundanna I-vjolenza, il-fastidju u I-pressjoni li jiffaċċaw il-ġurnalisti.

F'riżoluzzjoni adottata b'553 vot favur, 54 vot kontra u 89 astensjoni, il-Parlament jiġbed I-attenzjoni lejn "tentattivi mill-gvernijiet ta' xi Stati Membri biex isikku lill-media kritika u indipendent u jdgħajfu I-libertà u I-pluraliżmu tal-media". Il-MPE huma partikolarment inkwetati dwar I-istat tal-media tas-servizz pubbliku f'xi pajjiżi tal-UE, fejn saret "eżempju ta' propaganda favur il-gvern".

Huma jenfasizzaw li I-libertà, il-pluraliżmu u I-indipendenza tal-media huma komponenti kruċjali tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni, u huma essenzjali għall-funzjonament demokratiku tal-UE. It-test iwissi li "Il-libertà tal-media bdiet sejra lura f'dawn I-aħħar snin", u, li t-tifqigħa tal-COVID-19 kompliet taggrava dan id-deterjorament.

Niproteġu lill-ġurnalisti aħjar, speċjalment lin-nisa

Il-MPE qed jaraw "xejra dejjem tikber ta' intimidazzjoni li timmira li ssikket lill-ġurnalisti", filwaqt li jsemmu l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u ta' Ján Kuciak u l-għarusa tiegħu bħala eżempji tar-riskji li jiffaċċaw il-ġurnalisti investigattivi. Huma jistiednu lill-personaġġi pubbliċi joqogħdu lura milli jxejnu lill-ġurnalisti, u jinsitu fuq l-obbligu legali li jitwettqu investigazzjonijiet tal-attakki kollha u enfasizzaw li I-ġurnalisti nisa huma vulnerable b'mod speċjali u għandhom jingħataw protezzjoni addizzjonal.

Il-konċentrazzjoni eċċessiva tal-media timmina I-pluraliżmu

Ir-riżoluzzjoni tinnota li meta s-sjeda tal-media tkun konċentrata f'idejn għadd wisq żgħir ta' nies, il-pluraliżmu jitqiegħed f'riskju u jsir aktar diffiċli li titwaqqaf il-firxa tad-diżinformazzjoni. Il-MPE jitbolu li I-pajjiżi tal-UE jieħdu azzjoni biex jevitaw konċentrazzjoni eċċessiva u jiggarrantixxu t-trasparenza. Huma jikkritikaw lill-gvernijiet talli qed jindaħlu wisq fir-reklamar pubbliku, u għamlu ċar li I-flus tal-UE ma jistgħux jintefqu fuq media kontrollata mill-gvern jew fuq propaganda politika.

F'dan ir-rigward, il-Parlament jistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tivvaluta f'kull stat membru kemm tkun trasparenti s-sjeda tal-strumenti tal-media, kif ukoll l-interferenza privata u tal-gvern fis-settur, fil-valutazzjoni tal-istat tad-dritt annwali tagħha. Il-MPE jinsitu li tentattivi biex issir ħsara lil-libertà tal-media u lill-pluraliżmu għandhom jitqiesu bħala abbuż ta' poter serju u sistematiku li jmur kontra I-valuri fundamentali tal-UE.

Id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni online

Il-MPE jridu qafas legali msalha biex jipprevjeni u jiġġieled id-diskors ta' mibegħda online u jappellaw għal kollaborazzjoni akbar bejn il-pjattaformi online u I-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Huma jenfasizzaw li I-azzjonijiet volontarji meħuda minn xi pjattaformi jħallu impatt "neċċessarju, iżda madankollu insuffiċjenti" fir-rigward tal-ġlied kontra d-diżinformazzjoni, il-kontenut illegali u I-indħil barrani. Madankollu huma "m'għandhomx isiru korpi ta' ċensura privata" u t-tnejħħija ta'

kontenut illegali trid tkun soġġetta għal salvagwardji.

Fl-aħħar nett, it-test adottat jenfasizza t-tħassib dwar indħil barrani li jfittex li jippolarizza u jxejen il-pluraliżmu u jwissi dwar il-konsegwenzi potenzjalment dannużi tal-manipolazzjoni tal-informazzjoni relatata mal-pandemija tal-COVID-19.

Għal aktar informazzjoni

[It-test adottat se jiġi ppubblikat hawn](#)

[Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern](#)

[Riżultat tal-votazzjoni nominali](#)

[Fajl dwar il-proċedura](#)

[Il-protezzjoni tal-libertà tal-istampa matul il-pandemija tal-COVID 19](#)

[Studju tal-PE: Is-sigurta tal-ġurnalisti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE \(Lulju 2020\)](#)

[Riżoluzzjoni tal-PE dwar il-pluraliżmu tal-midja u l-libertà tal-midja fl-Unjoni Ewropea \(3.05.2018\)](#)

[Ritratti, videos u audio mingħajr ħlas](#)

Kuntatti

Estefanía NARRILLOS

Press Officer

(+32) 2 28 31324 (BXL)

(+33) 3 881 73661 (STR)

(+32) 498 98 39 85

estefania.narrillos@europarl.europa.eu

libe-press@europarl.europa.eu

[@EP_Justice](https://twitter.com/EP_Justice)

Kyriakos KLOSIDIS

Press Officer

(+32) 2 28 32357 (BXL)

(+33) 3 881 74651 (STR)

(+32) 470 96 47 35

kyriakos.klosidis@europarl.europa.eu

libe-press@europarl.europa.eu

[@EP_Justice](https://twitter.com/EP_Justice)



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000